VALLETTA CULTURAL AGENCY

**Stqarrija** **23 ta' Awwissu 2019**

**Rappreżentazzjoni kontemporanja li se tieħu lill-udjenza lura fiż-żmien**

Żewġt aħwa tfajliet jaslu Malta fuq vapur iswed tal-gwerra Spanjol, ftit wara l-Assedju l-Kbir. L-istorja immaġinarja tagħhom se tingħad permezz ta' rappreżentazzjoni kontemporanja innovattiva li tinkorpora l-mużika kontemporanja, iż-żfin u l-arti viżiva. Din se tittella' fit-Teatru tal-Kampus tal-Università fil-Belt Valletta, nhar is-Sibt 31 ta' Awwissu fid-9pm. Il-biljetti jistgħu jinkisbu mis-sit kultura.mt.

BlackShip, parti mill-inizjattiva tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta bl-isem ta' MusiCity, hija storja immaġinarja mnebbħa minn avvenimenti storiċi. Tirrakkonta l-ġrajja ta' żewġ tfajliet - aħwa u ħbieb tal-qalb – li jitrabbew u jitħarrġu fil-militar minn Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann, li kien ipproteġihom wara l-mewt ta' ommhom f'Rodi. Jingħad li missier il-kbira huwa Jean Parisot de Valette, filwaqt li ż-żgħira tgħid li hi bint Dragut Reis.

Dawn iż-żewġ figuri jissimbolizzaw l-għaqda ta' żewġ qawwiet opposti; unjoni li baqgħet b'saħħitha tul iż-żmien, u li tidher ċara fil-bini u fl-iżvilupp ta' Malta u l-Belt Valletta, li saru għaġna ta' kulturi jgħixu f'armonija.

L-udjenza se ssegwi r-rakkont tan-narratur, filwaqt li l-istorja se tingħata l-ħajja fuq il-palk permezz ta' diversi elementi performattivi: l-użu ta' pjanu akustiku tradizzjonali u synthesizer, kitarra tal-elettriku u kitarra akustika, żfin kontemporanju u immaġni viżivi fuq skrin. Flimkien, dawn tal-aħħar jiġbru esperjenzi differenti f'rappreżentazzjoni li tgħaqqad il-passat mal-futur kif ukoll mal-wirt storiku tagħna.

BlackShip tuża lingwa kontemporanja magħmula mill-mużika, iż-żfin u l-immaġni viżivi sabiex tidħol fil-fond ta' problemi soċjali importanti li ħallew impatt tul is-snin, u li għadhom magħna sal-lum. B'hekk ir-rappreżentazzjoni tiġbed l-attenzjoni fuq l-importanza tal-għarfien storiku li permezz tiegħu jista' jitfassal futur aħjar.

Żur u segwi l-paġna tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta fuq Facebook (Valletta Cultural Agency) għal aktar informazzjoni u sabiex iżżomm ruħek aġġornat dwar l-attivitajiet li hemm ippreparati għall-futur qrib.

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**